MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-18 ta' Dicembru, 2008

Numru. 692/2002

**Il-Pulizija**
**Spettur Bernard Zarb**

**vs**

**Anthony Bezzina**

Il-Qorti,

Rat li l-imputat Anthony Bezzina ta’ 49 sena iben il-mejjet Xandru u il-mejta Michelina nee’ Zarb imwieled San Pawl il-Bahar fis-27 ta’ Awwissu 1952 u residenti ‘St Laurence’ Triq San Publiju, San Pawl il-Bahar u detentur tal-karta tal-identita’ numru 655852 (M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

F’dawn il-Gzejjer fil-21 ta’ Awwissu 2001 u fix-xhur ta’ qabel u dawk ta’ wara, f’ diversi att maghmulin fi zminijiet differenti, li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’ rizoluzzjoni wahda;

a. B’ mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’ qerq iehor, ingann jew billi wera haga b’ ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji jew sabiex tqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b’ qerq bi hsara ta’ *Falzon Trading Co. Ltd* u *Master Electric Co. Ltd* u diversi persuni ohra, **dan bi ksur tal-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kapitolu. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta**;

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 26 ta’ Awwissu 2002 (esebit a fol. 18 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tas-6 ta’ Novembru 2003 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Rat li din il-kawza giet differita diversi drabi sabiex l-imputat iressaq il-provi tieghu u ghat-trattazzjoni finali (vide l-verbali tal-ahhar udjenzi) izda l-imputat baqa’ m’ghamilx dan u ghalhekk il-kawza giet differita ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi l-Pulizija bdiet l-investigazzjonijiet li eventwalment wasslu sabiex l-imputat jitressaq il-Qorti akkuzat bl-imputazzjonijiet odjerni wara li rceviet zewg kwereli (esebiti a fol. 27 u a fol. 32), wahda minghand Falzon Trading Limited u l-ohra minghand Master Electric Co. Limited fejn il-Pulizija giet mitluba tinvestiga u tiehu passi

kontra l-imputat Anthony Bezzina. Mill-provi rrizulta li fis-sena 2001 l-imputat kien mar fil-hwienet kemm ta' Falzon Trading Limited kif ukoll ta' Master Electric Limited u qalilhom li ried jixtri kwantita' kbira ta' *water heaters* peress li kien rebah tender minghand id-Dipartiment tal-Edukazzjoni u mill-Awtorita' tad-Djar u li dawn il-*water heaters* kellhom jitwahhlu fl-iskejjel tal-Gvern kif ukoll fil-Housing Estates tal-Gvern. Minghand Falzon Trading Limited l-imputat xtara wkoll xi zebgha li ukoll qal li kellha tintuza fl-iskejjel u fil-Housing Estates tal-Gvern. Iz-zewg socjetajiet hawn fuq imsemmija abbazi ta' din l-informazzjoni ddecidew li jikkonsenjaw din il-merkanzija mitluba mill-imputat *'on credit'* (ara xhieda ta' Alex Vella Falzon li xehed ghan-nom ta' Falzon Trading Limited (deposizzjoni relattiva inserita a fol. 41 sa 43 tal-process u x-xhieda ta' Emanuel Micallef u Saviour Micallef li xehdu ghan-nom ta' Master Electric Co. Limited deposizzjonijiet relattivi inseriti a fol. 47 sa 49 u 51 sa 52 rispettivament). Mill-provi rrizulta wkoll li Falzon Trading Limited ikkonsenjat merkanzija lill-imputat ghall-valur ta' Lm3690.00 u li huwa baqa' ma hallasha xejn minn dan l-ammont filwaqt li Master Electric Co. Limited ikonsenjatlu merkanzija li l-prezz taghha kien jammonta komplessivament ghas-somma ta' Lm2990.00. Mix-xhieda ta' Emanuel Micallef jirrizulta li l-imputat effetwa pagament wiehed ta' Lm200 mill-ammont minnu dovut u li ghalhekk ghadha dovuta is-somma ta' Lm2790.00 lis-socjeta' Master Electric Co. Limited.

L-imputat ma xehedx f'dawn il-proceduri izda fit-23 ta' Lulju 2002 huwa rrilaxxja stqarrija (inserita a fol. 38 sa 40 tal-atti processwali) fejn huwa ikkonferma li fil-mument li kien xtara l-merkanzija minghand Falzon Trading Limited kien qalilhom li kien rebah tender tal-Gvern u li kellu bzonn il-merkanzija sabiex din tintuza fi skejjel tal-Gvern u f'Housing Estates. Huwa baqa' jinsisti li kien minnu li huwa kien utilizza l-merkanzija mixtrija sabiex din tigi nstallata fl-iskejjel tal-Gvern ta' Hal-Qormi, Hal-Tarxien u Rahal il-Gdid u fil-Housing Estates tal-Imtarfa, iz-Zurrieq u Hal-Tarxien. Huwa kien prometta lil Pulizija li kien ser jghaddilhom id-dokumentazzjoni relattiva izda baqa' qatt m'ghamel dan.

Mill-provi rrizulta wkoll li l-imputat fil-perjodu in kwistjoni fil-fatt qatt ma rebah *tenders* jew inghata kuntratti mal-Gvern sabiex jaghmel xoghlijiet jew jissuplixxi *water heaters* jew zebgha fi skejjel tal-Gvern jew fil-Housing Estates tal-Gvern (vide xhieda ta' Lennard Zerafa a fol. 53 u 54 tal-process, xhieda tal-Perit Sandra Magro a fol. 81 u 82 tal-process, xhieda ta' Paul Sciberras a fol. 83 tal-process u x-xhieda ta' Josephine Dimech a fol. 96 u 97 tal-process kif ukoll id-dokumenti esebiti a fol. 29 u 30, 34 u 98 tal-atti processwali).

Ikkunsidrat :

Illi l-imputat jinsab akkuzat bir-reati ta' truffa u frodi innominata kontemplati fl-Artikoli 308 u 309 rispettivament tal-Kodici Kriminali  In tema legali gie ritenut mill-**Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri**) fis-sentenza taghha tat-**12 ta' Frar 1999** fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija v. Anthony Francis Wiloughby'** li :

***"Fil-ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf partimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent (Il-Pulizija v. Emmanuele Ellul, App. Krim., 20/6/97; ara wkoll Il-Pulizija v. Daniel Frendo, App. Krim., 25/3/94). Dan it-telf hafna drabi jkun jikkonsisti filli l-vittma, proprju ghax tkun giet ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent (Il-Pulizija v. Carmel Cassar Parnis, App. Krim., 12/12/59, Vol. XLIII.iv.1140). Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f' "raggiri o artifizi" – dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mise en scene – ikun hemm it-truffa; jekk le, ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolent innominat) (ara, fost ohrajn, Il-Pulizija v. Carmelo Cassar Parnis, App. Krim., 31/10/59, Vol. XLIII.iv.1137; Il-Pulizija v. Francesca Caruana, App. Krim., 25/7/53, Vol. XXXVII.iv.1127; ara wkoll Il-Pulizija v. Giuseppe Schrainer, App. Krim., 3/3/56)."***

Fil-kaz odjern il-Qorti jidrilha li ma jistghax jinghad li kien hemm l-artifizji jew messa in xena kontemplati fl-Artikolu 308 tal-Kap. 9 u ghalhekk l-imputat mhux qed jinstab hati tar-reat kontemplat fl-Artikolu 308. Il-Qorti izda jidrilha li mill-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni rrizulta r-reat ta' frodi innominata kontemplat fl-Artikolu 309 tal-Kap. 9. Il-qerq bi qliegh effetwat mill-imputat kien jikkonsisti fil-fatt li huwa gideb liz-zewg socjetajiet parti civili billi sabiex jikkonvincihom jikkonsenjawlu ammont daqshekk sostanzjali ta' merkanzija 'on credit' qalilhom li kien rebah tender mal-Gvern sabiex jinstalla il-water heaters fil-Housing Estates u fl-iskejjel. Wiehed jistaqsi jekk il-gideb li sar mill-imputat jistghax jammonta ghar-reat ta' frodi innominata. F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-**Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri**) tat-**30 ta' Dicembru 2004** fil-kawza fl-ismijiet **'Pulizija vs Carmela German'** fejn dik il-Qorti qalet is-segwenti:-

*"Kwantu ghall-kwistjoni mqajjma mill-appellanti u cioe` jekk il-"gidba semplici" – a differenza tal-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, <u>basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal "qerq", cioe` tkun intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba</u>, u basta, s'intendi, li tkun effettivament waslet ghal dan it-telf minn naha u arrikkiment min-naha l-ohra."*

Fil-kaz odjern jista' jinghad b'certezza li l-gidba tal-imputat kienet tammonta ghal qerq ghaliex kienet intiza sabiex il-persuna l-ohra (Falzon Trading Limited u Master Electric Company Limited) taghmel xi haga (tikkonsenja il-merkanzija on credit) li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arikkiment ghal min qal il-gidba (l-imputat). Kemm Falzon Trading Co. Limited kif ukoll Master Electric Co. Limited zgur li ma kienux jirrilaxxjaw ammont daqshekk konsiderevoli ta' merkanzija minn idejhom 'on a credit basis' li kieku l-imputat ma qalilhomx il-gidba dwar

it-tender li kien rebah mal-Gvern. Huma spiccaw sabiex irrilaxxjaw tali merkanzija lill-imputat u baqghu ma thallsux ghaliha u hawnhekk ghandna it-telf patrimonjali soffert mill-parti civili u l-konsegwenti arrikkiment ghall-imputat li ha l-konsenja ta’ ammont konsiderevoli ta’ merkanzija minghajr ma hallas ghaliha.

Il-Qorti jidrilha li f’dan il-kaz jikkonkorru l-elementi kollha sabiex jissussisti r-reat kontemplat fl-Artikoli 309 u 310 (1)(a) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta u ghalhekk l-imputat qed jigi misjub hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat li mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li din mhux l-ewwel darba li huwa kiser dufrejgh mal-gustizzja izda nonostante cio’ l-Qorti jidrilha li m’ghandhiex timponi piena karcerarja effettiva izda wahda sopiza fejn tapplika dak li jiddisponi l-Artikolu 28H tal-Kodici Kriminali sabiex b’hekk finalment jigu rizarciti l-vittmi.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 309 u 310 (1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti tiddikjara lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u b’applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tikkundannah ghal prigunerija ta’ sentejn (2) sospiza ghal perjodu ta’ erba’ (4) snin millum.

Il-Qorti tordna wkoll lill-imputat ai termini tal-Artikolu 28H(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta sabiex ihallas l-ekwivalenti f’Ewro tas-somma ta’ tlett elef, sitt mija u disghin lira Maltin (Lm3690.00) lis-socjeta’ Falzon Trading Co. Limited u l-ekwivalenti f’Ewro tas-somma ta’ elfejn, seba’ mija u disghin lira Maltin u disghin centezmu (Lm2790.90) lis-socjeta’ Master Electric Co. Limited u dan sa zmien sitt (6) xhur millum.

Il-Qorti fissret bi kliem car lill-imputat l-import ta’ din is-sentenza u l-konsegwenzi f’kaz li jonqos milli josservaha.

L-imputat min-naha tieghu jiddikjara li fehem ben tajjeb l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jonqos milli josservaha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------